L-ebda parti minn din il pubblikazzjoni ma' tista' tiġi iffotokopjata jew riprodotta b' xi mod ieħor mingħajr ma' qabel dan jiġi permess bil-miktub mill-Awtorità Maltija dwar l-Istandards.
© MSA 2010.

# Bejjiegħa tal-Ħut mit-Triq

# – Linja Gwida ta' kif il-ħut għandu jiġi mmaniġġjat, maħżun, muri u mibjugħ lill-konsumaturi

ICS 67.020



**Awtorità Maltija dwar l-Istandards**
It-Tieni Sular, Binja Evans,
Triq Merkanti,
Valletta

**Werrej** **Paġna**

**Daħla** ........ 3

**1 Skop** ........ 4

**2 Termini u definizzjonijet** ........ 4

**3 Referenzi Normattivi** ........ 6

**4 Rekwiżiti**
4.1 Indafa waqt l-operazzjonijiet ........ 7
4.2 Freskezza ........ 7
4.3 Manifattura tas-Silġ ........ 8
4.4 Użu ta' materjal ta' kwalità tajba tajjeb għall-ikel ........ 8
4.5 Rimi ta' Skart ........ 9
4.6 Kontroll ta' Insetti ........ 10
4.7 Taħriġ ........ 10
4.8 Ippakjar ........ 10
4.9 Ġarr ........ 10
4.10 Saħħa u Sigurtà ........ 11
4.11 Ipproċessar tal-ħut ........ 11
4.12 Responsabbiltà meta jkun aċċettat il-ħut ........ 12
4.13 Ħut protett jew illegali ........ 12
4.14 Kontroll ta' temperatura ........ 12
4.15 Kontroll ta' dokumenti u rekords ........ 13
4.16 Skeda ta' tindif ........ 13
4.17 Użu esklussiv ta' tagħmir ........ 13
4.18 Imġiba pprojbita ........ 13
4.19 Termometri ........ 14
4.20 Pjan ta' Kontinġenza ........ 14
4.21 Mard kontaġjuż ........ 14
4.22 Ilbies protettiv ........ 14
4.23 Twaħħil ta' tikketti ........ 15
4.24 Reġistrazzjoni ........ 15

**Anness 1 Referenzi** ........ **16**
**Anness 2 Nota Informattiva** ........ **17**

## Daħla

L-aħjar prattiċi bbażati fuq il-Codex Alimentarius, "Kodiċi ta' prattika għal ħut u prodotti tal-ħut" jistipulata li ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u prodotti tagħhom meta jiġu biex jinbiegħu għandhom ikunu milqugħa, immaniġjati, maħżuna u murija lil konsumaturi b'mod li jnaqqas kemm jista' jkun il-perikli ta' sigurtà u difetti li jista' jkun hemm tal-ikel u jżomm kwalità essenzjali.

Dawn il-Linji Gwida maħsubin apposta għal bejjiegħa tal-ħut kienu żviluppati biex jgħinuhom jiżguraw sigurtà fl-ikel u livelli ta' kwalità mixteqin.

Din il-Linja Gwida tfasslet mill-Kumitat Tekniku MSA/TC/1825. L-organizzazzjonijiet li ġejjin ikkontribwew għall-iżvilupp ta' dawn il-Linji Gwida:

Direttorat tas-Saħħa Ambjentali
Dipartiment tas-Sajd
Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji
Għaqda Imprendituri Maltin u Għawdxin, Bejjiegħa tal-Ħut
Awtorità ta' Malta għal Standards

# Speċifikcazzjoni

## 1 Skop

Din il-Linja Gwida tipprovdi kodiċi ta' prattika tajba lil bejjiegħa tal-ħut fl-immaniġjar, ħażna, ġarr u bejgħ ta' ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u invertebrati akwatiċi u prodotti ġejjin minnhom minn sorsi marittimi, u li huma maħsubin għal konsum uman. Din i-Linja Gwida għandha l-għan li tgħin lill-bejjiegħ tal-ħut biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni applikabbli.

## 2 Termini u definizzjonijiet

### 2.1 Tkessiħ

Il-proċess ta' tkessiħ ta' ħut u frott tal-baħar bil-qoxra sa temperatura li toqrob għal dik ta' silġ li jkun qed jinħall.

### 2.2 Ilma Nadif

Ilma minn kull xorta ta' sors fejn ma jkunx hemm kontaminazzjoni mikrobijoloġika li tagħmel ħsara, sustanzi li jagħmlu ħsara u/jew plankton tossiku fi kwantitajiet tali li jista' jolqtu l-kwalità tas-saħħa ta' ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u prodotti tagħhom.

### 2.3 Tindif

It-tneħħija ta' ħamrija, fdal ta' ikel, ħmieġ, griż jew kull materja oġġezzjonabbli oħra.

### 2.4 Kontaminant

Kull aġenti bijoloġiku jew kimiku, materja esterna, jew xi sustanza oħra li ma tiżdiedx intenzjonalment mal-ikel li tista' tikkomprometti is-sigurtà tal-ikel jew kemm dan ikun addattat biex jittiekel.

### 2.5 Kontaminazzjoni

L-introduzzjoni jew l-okkorrenza ta' kontaminant f'ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u prodotti tagħhom.

### 2.6 Ħut

Kull vertebrat akwatiku demmu kiesaħ (ektotermiku). Amfibji u rettili akwatiċi mhumiex inklużi.

## 2.7 Ħut Frisk

Prodotti tal-ħut jew tas-sajd li ma jkunu ngħatw ebda trattament preservattiv ħlief tkessiħ.

## 2.8 Ħut Iffriżat

Ħut li jkun ġie suġġett għal proċess ta' ffriżar twil biżżejjed biex inaqqas it-temperatura tal-prodott kollu għal livell baxx biżżejjed biex jippreserva l-kwalità inerenti tal-ħuta u li jkun inżamm f'din it-temperatura baxxa sal-ħin inkluż tal-bejgħ finali, sakemm ma kienx suġġett għal proċess biex jittowja skont it-terminu 4.11 ta' din il-linja gwida.

## 2.9 Operatur

Bejjiegħ tal-ħut responsabbli għall-bejgħ ta' ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u invertebrati akwatiċi u prodotti tagħhom.

## 2.10 Ilma tajjeb għax-Xorb

Ilma frisk tajjeb għax-xorb. Standards ta' kemm jista' jinxtorob m'għandhomx ikunu inqas minn dawk li hemm fl-aħħar edizzjoni ta' l-"International Standards for Drinking Water", World Health Organization and Water Intended for Human Consumption regulations (A.L. 17 tal-2009) kif emendati b'A.L. 242 tal-2009.

## 2.11 Ipproċessar

Kull attività ta' tqattigħ fi slajsis, tindif minn ġewwa, jew tindif ta' ħut u l-frażi 'ħut ipproċessat' għandhom ikunu interpretati skont il-każ.

## 2.12 Frott tal-Baħar bil-Qoxra

Dawk l-ispeċi ta' molluski u krusteċji akwatiċi li jintużaw komunement għall-ikel.

## 2.13 Stat Utieq

Ħut li hu fi stat tajjeb biex jittiekel safejn għandha x'taqsam l-iġjene.

## 3.0 Referenzi Normattivi

**Regolament dwar Prodotti ġejjin minn Annimali** (KE) Nru 1774/2002

**Codex Alimentarius,** Kodiċi ta' prattika għal ħut u prodotti tal-ħut (CAC/RCP 52-2003), 2008

**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000** fuq organizzazzjoni komuni ta' swieq tas-sajd u akkwakultura

**DIRETTIVA KE 2000/13** li għandha x'taqsam mat-twaħħil ta' tikketti, preżentazzjoni u reklamar ta' oġġetti tal-ikel

**Regolament tal-KE 852/04** - Regolamenti dwar Iġjene ta' Oġġetti tal-Ikel Kapitlu IX u X

**Regolament tal-KE 853/2004** – Regoli ta' Iġjene għal ikel li ġej minn annimali (Artikolu 3)

**Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel**, 2002 (Att Nru XIV tal-2002)

**Avviż Legali 146 tal-2008** 'Regolamenti dwar Sigurtà fl-Ikel (Kontroll ta' Temperatura), 2008'

**Avviż Legali** 178 tal-2001 kif emendat minn A.L. 137 tal-2007 (Regolamenti dwar Reġistrazzjoni ta' min Jipprepara l-Ikel, 2001)

**Avviż Legali** 180 tal-2001 kif emendat minn A.L. 136 tal-2007 (Regolamenti dwar Reġistrazzjoni tal- Postijiet ta' l-Ikel, 2001)

**Avviż Legali 264 of 2002** 'Regolamenti dwar Iġjene tal-Ikel', 2002

**Regolament tal-KE 1935/2004** kif emendat (Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottobru 2004 dwar materjali u artikoli maħsubin biex jiġu f'kuntatt ma' Ikel u li jħassru Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE)

# 4 Rekwiżiti

## 4.1 Indafa waqt ix-xogħol

4.1.1 Bejjiegħa tal-ħut mit-triq għandu jkollhom tagħmir għat-tindif u, meta meħtieġ, diżinfettar ta' reċipjenti u tagħmir. Ikun meħtieġ li jipprovdu ilma sħun għad-diżinfettar f'każijiet meta ħut jew frott tal-baħar bil-qoxra ikunu b'xi mod ipproċessati.

4.1.2 Huma għandu jkollhom faċilitajiet addattati biex ikunu jistgħu jżommu ruħhom indaf biżżejjed. Faċilitajiet addattati jinkludu faċiliatjiet għal ħasil iġjeniku u tnixxif tal-idejn, u arranġġamenti sanitarji iġjeniċi.

Ħasil ta' jdejn u dirgħajn meta dawn ikunu mikxufin għandu jsir bl-użu ta' mezzi addattati bħal, iżda mhux biss, ilma nadif u sapun li jkolli d-diżinfettanti[1]. Kull deterġent li jintuża għandu jkollu tikketta addattata.

Meta jkun hemm aktar minn persuna waħda jbigħu l-ħut, għandu jkun hemm separazzjoni ta' dmirijiet billi persuna waħda (jew aktar) tieħu ħsieb il-ħut u persuna oħra (jew aktar) tieħu ħsieb oġġetti oħrajn, bħal flus, eċċ. Meta jkun hemm persuna waħda biss, kull darba li l-bejjiegħ imiss xi ħaġa oħra hu għandu jnaddaf idejh qabel jerġa' jmiss il-ħut.

## 4.2 Freskezza

Ħut frisk m'għandux jitħallat ma' ħut iffriżat. Il-bejjiegħ għandu jinforma lix-xerrej, peremzz ta' avviżi, jekk il-ħut muri biex jinbiegħ hux frisk jew iffriżat. Hu biss ħut li jkun se jinbiegħ dalwaqt li għandu jintwera. Ħut ieħor li ma jintweriex għandu jkun protett b'mod adegwat kontra espożizzjoni għal

[1] Nota: filwaqt li Avviż Legali 264 tal-2002, Part III fuq Rekwiżiti għal **Postijiet** Mobbli u/jew Temporanji para.7, tistipula li "Provvista adegwata ta' ilma tajjeb għax-xorb sħun u kiesaħ għandha tkun aċċessibbli l-ħin kollu u għas-sodisfazzjoni tal-awtorità tas-saħħa; b'dan iżda li l-awtorità tas-saħħa għandha taġixxi b'mod li jagħti konsiderazzjoni xierqa lin-natura tal-attività jew post", Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (Kapitolu 3 para 2 (e)) jistipula li "għandu jkun hemm provvista adegwata ta' ilma sħun u/jew kiesaħ ilma tajjeb għax-xorb".

temperatura ambjenatli jew xi forom oħra ta' kontaminazzjoni.

## 4.3 Manifattura ta' silġ

Silġ li jiġi f'kuntatt ma' ħut jew li jista' jikkontamina ħut għandu jkun magħmul minn ilma tax-xorb. Dan għandu jkun manifatturat, immaniġġjat u maħżun taħt kondizzjonijiet li jipproteġuh minn kontaminazzjoni.

## 4.4 Użu ta' materjal ta' kwalità tajba għall-ikel

4.4.1 L-għodod kollha użati waqt ix-xogħol għandhom ikunu ta' materjal ta' kwalità tajba tajjeb għall-ikel. Dawn għandhom jitnaddfu b'mod effettiv u, meta meħtieġ, ikunu diżinfettati skont frekwenza li tkun biżżejjed biex ikun evitat kull riskju ta' kontaminazzjoni.

Għodod użati minn bejjiegħa tal-ħut għandhom ikunu maħdumin minn materjali tali u jinżammu f'tali stat, tiswija u kondizzjoni tajbin biex inaqqsu kemm jista' jkun kull riskju ta' kontaminazzjoni.

4.4.2 L-oġġetti, *fittings* u tagħmir kollha, bl-eċċezzjoni ta' kontenituri li ma jingħatawx lura u ppakkjar, li jiġu f'kuntatt mal-ħut għandhom ikunu maħdumin minn materjali tali u jinżammu f'tali stat, tiswija u kondizzjoni tajbin biex ikunu jistgħu jinżammu nodfa u, meta meħtieġ, ikunu diżinfettati.

Dawn għandhom ikunu stallati b'mod li jippermetti tindif adegwat tat-tagħmir u taż-żona ta' madwaru.

4.4.3 Superfiċji (inklużi superfiċji ta' tagħmir) f'żoni fejn jintmiss il-ħut, u b'mod partikolari dawk li jkunu f'kuntatt mal-ħut, għandhom jinżammu f'kondizzjoni tajba u jkun faċli li jitnaddfu u, meta meħtieġ, ikunu diżinfettati. Dan jitlob l-użu ta' materjal lixx, li jistgħu jinħaslu, jirreżistu l-korrożjoni u mhux tossiċi, sakemm il-bejjiegħa tal-ħut ma jurux b'mod sodisfaċenti lill-awtoritajiet kompetenti li materjali oħrajn użati

huma addattati. Dan jimplika li l-użu tal-injam huwa limitat u meta jintuża għandu jkun lixx u f'kondizzjoni tajba.

4.4.4 Ħut m'għandux jiġi f'kuntatt ma' materjal perikoluż. Apparti mill-materjali evidentement perikolużi bħal żebgħat eċċ., wieħed għandu wkoll ma jħallix li ħut jiġi f'kuntatt ma' materjali oħrajn bħal żingu, metalli galvanizzati u ligi tar-ram.

## 4.5 Rimi ta' skart

4.5.1 Skart tal-ħut, prodotti li ma jittiklux ġejjin mill-ħut u skart ieħor għandhom jitneħħew kemm jista' jkun malajr mill-viċinanza immedjata meta jkun hemm l-ikel biex tkun evitata l-akkumulazzjoni tagħhom.

Skart tal-ħut, prodotti li ma jittiklux ġejjin mill-ħut u skart ieħor għandhom ikunu depożitati f'kontenituri li jistgħu jingħalqu sakemm l-operaturi jkunu jistgħu juru lill-awtorità kompetenti li xorta oħra ta' kontenturi jew sistemi ta' evakwazzjoni użati huma addattati. Dan il-kontenituri għandhom ikunu ta' materjal addattat, jinżammu f'kondizzjoni tajba, jkunu faċli biex jitnaddfu u, meta meħtieġ, biex ikunu diżinfettati.

4.5.2 Għandhom isiru provvedimenti adegwati mill-bejjiegħ tal-ħut biex ikun hemm ħżin temporanju u rimi tal-iskart kollu.

Ħażna temporanja għandha tkun iddisinjat u mmaniġġjata b'mod li tkun tista' tinżamm nadifa u meta meħtieġa ħielsa minn annimali u insetti.

4.5.3 Kull skart għandu jkun eliminat b'mod iġjeniku u bla ħsara ambjentali skont il-leġiżlazzjoni applikabbli kurrenti għal dan il-għan, u m'għandux jikkostitwixxi sors diretta jew indiretta ta' kontaminazzjoni.

4.5.4 Prodotti ġejjin minn annimali għandhom jintremew skond Regolament KE 1774 tal-2002.

## 4.6 Kontroll ta' insetti

Bejjiegħ għandu jieħu miżuri adegwati biex jiżgura li f'ebda mument insetti[2] ma jiġu f'kuntatt ma' ħut.

## 4.7 Taħriġ

Bejjiegħa għandu jkollhom l-għarfien u l-ħila meħtieġa fl-immaniġjar ħut u frott tal-baħar bil-qoxra b'mod iġjeniku. Kull persuna li tmiss il-ħut għandha tkun konxja tar-rwol u responsabbiltà tagħha li tipproteġi l-ħut jew il-frott tal-baħar bil-qoxra minn kontaminazzjoni u deterjorament. Huma għandu jkollhom taħriġ adegwat fuq kif jimmaniġġjaw l-ikel skont leġiżlazzjoni kurrenti u dawk kollha li jmissu l-ikel għandhom ikunu reġistrati mal-Kummissjoni għas-Sigurtà tal-Ikel kif hemm fl-A.L. 178 tal-2001 kif emendat b'A.L. 137 tal-2007.

## 4.8 Ippakkjar

Kull ippakkjar għandu jsir f'materjal adegwat ta' grad tajjeb għall-ikel skont ir-Regolamenti tal-UE u Nazzjonali relattivi. L-ippakkjar għandu wkoll ikun protett minn kull sors ta' kontaminazzjoni u għandu jkun magħruf minn fejn ġie. L-ippakkjar użat għandu jkun iċċertifikat bħala ta' grad tajjeb għall-ikel (id-dokumentazzjoni għandha tinżamm).

## 4.9 Ġarr

4.9.1 Il-ħut għandu jinġarr f'kontenituri adegwati ta' grad tajjeb għall-ikel biex it-temperaturi ma jitħallewx jogħlew lil hinn mil-livelli mogħtijin hawn taħt u biex ma jħallux li ssir kontaminazzjoni minn insetti u materjali perikolużi oħrajn.

---

[2] Insetti huma meqjusa li jinkludu insetti, annimali gerriema, qtates, klieb, ħamien u kull għasfur ieħor, jew annimal.

4.9.2 Vetturi użati għall-ġarr ta' ħut għandhom ikunu disinjat u mibnijin:

- b'mod li ħitan, art u soqfa, meta hu addattat, ikunu ta' materjal addattaat li jirreżisti l-korrożjoni u b'superfiċji lixxi mhux assorbenti u disinjati biex jiffaċilitaw it-tindif . L-art għandu jkollha mod adegwat kif jiskula l-ilma;
- b'tagħmir ta' tkessiħ biex ħut jew frott tal-baħar bil-qoxra jinżammu frisk tul il-ġarr u f'temperatura kemm jista' jkun qrib 0°C jew, fil-każ ta' ħut iffriżat, frott tal-baħar bil-qoxra u prodotti tagħhom, biex tinżamm temperatura -18°C jew iksaħ;
- ħut ħaj u frott tal-baħar bil-qoxra għandhom jinġarru f'temperatura tolleranti għall-ispeċi;
- biex jagħtu lill-ħut u lill-frott tal-baħar bil-qoxra protezzjoni kontra kontaminazzjoni, espożizzjoni għal temperaturi estremi u l-effetti li jixxuttaw bix-xemx jew bir-riħ;
- biex iħallu għaddejja arja libera u kiesħa madwar it-tagħbija meta jkollhom magħhom mezzi ta' refriġerazzjoni mekkanika.

## 4.10 Saħħa u sigurtà

Fil-post fejn isir il-bejgħ għandu jkun hemm kaxxa tal-ewwel għajnuna għall-użu personali tal-bejjiegħ.

## 4.11 Ipproċessar tal-ħut

M'għandux ikun offrut għall-bejgħ ħut iffriżat jekk ma jinbiegħx bħala ħut iffriżat f'temperatura ta' inqas minn -18°C. Ħut iffriżat m'għandux jinbiegħ bħala ħut frisk. Ħut li tkun tneħħietlu l-friża ma jistax jiġi ffriżat mill-ġdid. It-tneħħija tal-friża għandha ssir f'kondizzjonijiet ta' temperatura kontrollata ekwivalenti għal dik tat-tkessiħ. Konsumaturi għandhom ikunu infurmati b'dan permezz ta' avviż li għandu jitqiegħed fejn isir il-bjegħ kif hemm f'Anness 2 u b'ittri ta' daqs mhux inqas minn 36.

Barra minn hekk, meta l-ħut ikun ipproċessat, ikun kif ikun, il-

bejjiegħa għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità ma' Regolament KE 2073 tal-2005.

## 4.12 Responsabbiltà meta wieħed jaċċetta ħut

4.12.1 Il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli għall-ħut li jbigħ. Ix-xiri tal-ħut minn terzi jfisser li l-bejjiegħ jaċċetta responsabbiltà għall-ħut mibjugħ.

4.12.2 Ħut, frott tal-baħar bil-qoxra u prodotti tagħhom għandhom jinxtraw minn sorsi magħrufa jew approvati taħt il-kontroll ta' awtoritajiet kompetenti li jistgħu jivverifikaw kontrolli HACCP.

## 4.13 Ħut protett jew illegali

Ħut li hu protett bil-liġi jew li hu illegali li jinbiegħ m'għandux jinbiegħ, immaniġjat, maħżun jew jinġarr.

## 4.14 Kontrotl ta' temperatura

4.14.1 F'kull ħin, oġġetti ta' ikel tal-baħar murijin għandhom jinżammu f'temperaturi u kondizzjonijiet li jnaqqsu kemm jista' jkun l-iżvilupp potenzjali ta' tkabbir ta' batterja, tossini u perikli oħrajn minbarra t-telf ta' kwalità essenzjali. Ħut frisk li jkun qed jintwera għall-bjegħ għandu jkun imdawwar u parzjalment mgħotti bis-silġ u jkun fi stat tajjeb għas-saħħa[3].

4.14.2 Ħut frisk li mhux se jinbiegħ fl-istess ġurnata għandu jinżamm f'temperatura ta' bejn 2 u 5°C għal perjodu li ma jaqbiżx is-sebat ijiem.

[3] Avviż Legali 146 tal-2008 "Regolamenti dwar Sigurtà fl-Ikel (Kontroll ta' Temperatura)" jistipulaw "Ebda persuna m'għandha żżomm f'xi post, bħala parti minn operazzjoni kummerċjali ikel li x'aktarx iwassal għat-tkabbir ta' mikro-organiżmi patoġeniċi jew il-formazzjoni ta' tossini f'temperatura ogħla minn 8 °C". Dan ir-rekwiżit hu implikat fil-kliem ta' din il-klawsola (4.14.1).

4.14.3 Ħut ieħor barra dak imsemmi hawn fuq għandu jinżamam f'temperatura inqas minn -18$^{o}$C u jkun protett minn kull effett negattiv tal-proċess tal-iffirżar. Il-monitoraġġ u l-kontroll tat-temperatura fil-każ ta' ħut iffriżat għandu jsir regolarment mill-operatur. Il-valuri tat-temperaturi mkejlin u l-ħin rilevanti għandhom jinżammu.

## 4.15 Kontroll ta' dokumenti u rekords

Rekords ta' xiri ta' ħut u oġġetti oħrajn li jolqtu l-prodott għandhom jinżammu biex ikun jista' jinżamm il-kors tal-awditjar xieraq.

## 4.16 Skeda ta' tindif

Rekords ta' tindif ta' kontenituri tax-xogħol u tagħmir għandhom jinżammu biex ikun jista' jinżamm il-kors tal-awditjar xieraq

## 4.17 Użu esklussiv ta' tagħmir

4.17.1 Tagħmir, kontenituri tax-xogħol u oġġetti oħrajn, inkluż ilbies protettiv, li għandu x'jaqsam man-negozju m'għandux jintuża għal skopijiet oħrajn.

4.17.2 Vetturi użati għall-ġarr ta' ħut m'għandhomx jintużaw għal skopijiet li jistgħu jirriżultaw f'kontaminazzjoni tal-prodott.

4.17.3 Vetturi u kontenitturi għandhom jitnaddfu b'mod adegwat qabel u wara li jitgħabba jew jitniżżel il-ħut.

## 4.18 Imġiba pprojbita

Dan li ġej m'għandux ikun permess waqt l-immaniġjar ta' ħut:

- tipjip
- tibżiq
- magħad jew ikel
- għatis jew sogħla fuq ħut mhux protett
- it-tisbiħ b'effetti personali bħal ġojjellerija, arloġġi, labar jew oġġetti oħrajn li, jekk jinqalgħu minn posthom, jistgħu jkunu ta' theddida għas-sigurtà u l-addattabilità tal-ħut
- jew kull imġiba oħra li tista' tikkontamina l-ħut.

## 4.19 Termometri

M'għandhomx jintużaw termometri tal-merkurju.

## 4.20 Pjan ta' Kontinġenza

Għandu jitfassal pjan ta' kontinġenza li għandu jqis ir-riskji involuti fl-industrija. Il-pjan għandu jinżamm biex tkun tista' ssir verifika kif u meta meħtieġ.

## 4.21 Mard kontaġjuż

4.21.1 Bejjiegħa m'għandhomx jagħmlu kuntatt ma' ħut meta jkunu jbatu minn, jew ikunu jġorru, xi infezzjoni li tista' tikkaġuna mard li jixtered permezz tal-ikel.

4.21.2 qatgħat, feriti u girfiet għandhom jitgħattew wara l-kura b'faxxa kulurita li minnha ma jgħaddix ilma u li tkun tidher sewwa.

## 4.22 Ilbies protettiv

Bejjiegħa tal-ħut u kull persuna li tmiss il-ħut għandhom iżommu grad xieraq ta' ndafa personali l-ħin kollu. Għandu jintuża lbies protettiv. Dan għandu jkun nadif, jintlibes il-ħin kollu, jkopri kull ilbies ta' barra, ma jkolllux bwiet 'il fuq mill-qadd, u jinqafel permezz ta'

buttuni, velkro jew żippijiet. Dan l-ilbies preferibilment għandu jkun ta' kulur ċar.

## 4.23 Twaħħil ta' tikketti

Ħut muri għall-bejgħ għandu jkollu fuqu tikketta addattata kif mitlub mir-regolamenti kurrenti.

Fil-post tal-bejgħ għandu jkun hemm informazzjoni lill-konsumatur, ngħidu aħna plakki jew fulljetti, li jinfurmaw lill-konsumaturi dwar magazzinaġġ, proċeduri ta' preparazzjoni u riskji li jista' jkun hemm minn ikel tal-baħar jekk dan ma jkunx ittrattat tajjeb jew ma jkunx ippreparat kif għandu jkun.

## 4.24 Reġistrazzjoni

Bejjiegħa għandhom jiżguraw li postijiet fejn ikun hemm l-ikel, inkluż it-trasport, ikunu reġistrati mal-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel u li din ir-reġistrazzjoni(jiet) hija aġġornata, kif mitlub mill-A.L. 180 tal-2001 kif emendat minn A.L. 136 tal-2007 (Regolamenti dwar Reġistrazzjoni ta' Postijiet tal-Ikel, 2001).

# Anness 1 - Referenzi


"International Standards for Drinking Water", World Health Organisation

Regolament dwar Prodotti ġejjin minn Annimali (KE) Nru 1774/2002

**Codex Alimentarius,** Kodiċi ta' prattika għal ħut u prodotti tas-sajd (CAC/RCP 52-2003), 2008

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 fuq kriterji mikrobijoloġiċi għal oġġetti tal-ikel

**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000** dwar l-organizzazzjoni komuni ta' swieq tal-ħut u akkwakultura

**DIRETTIVA KE 2000/13/EC** relatata mat-twaħħil ta' tikketti, preżentazzjon u reklamat ta' oġġetti tal-ikel

**Regolament tal-KE 852/04** - Regolamenti dwar Iġjene ta' Oġġetti tal-Ikel, Kapitolu IX u X

**Regolament tal-KE 853/2004** – Regoli dwar Iġjene għal ikel li ġej minn annimali (Artikolu 3)

**Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel**, 2002 (Att Nru XIV tal-2002)

**Kummissjoni dwar Sigurtà fl-Ikel** - http://www.health.gov.mt/fsc/fsc_foodeureg19.htm

**Avviż Legali 146** tal-2008 'Regolamenti dwar Sigurtà fl-Ikel (Kontroll ta' Temperatura), 2008'

**Avviż Legali 17** tal-2009 Regolamenti dwar Ilma Maħsub għal Konsum Uman Water (A.L. 17 tal-2009) kif emenddat b'A.L. 242 tal-2009

**Avviż Legali** 178 tal-2001 kif emendat minn A.L. 137 tal-2007 (Regolamenti dwar Reġistrazzjoni ta' min Jipprepara l-Ikel, 2001)

**Avviż Legali** 180 tal-2001 kif emendat minn A.L. 136 tal-2007 (Regolamenti dwar Reġistrazzjoni tal- Postijiet ta' l-Ikel, 2001)

**Avviż Legali 264 of 2002** 'Regolamenti dwar Iġjene tal-Ikel', 2002

**Avviż Legali 178** tal-2001 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Food Handlers kif emendat b'A.L. 137 tal- 2007.

**Regolament tal-KE 1935/2004** kif emendat (Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u artikli maħsubin biex jiħu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE)

## Anness 2 – Nota Informattiva

Avviż lill konsumaturi:

# ĦUT ITTOWJAT M'GĦANDUX IKUN IFFRIŻAT MILL-ĠDID. GĦANDU JITTIEKEL FL-ISTESS ĠURNATA LI JINXTARA.

---------------------------------------

L-Awtorità Maltija dwar l-Istandards (MSA) hija organiżazzjoni indipendenti Maltija stabbilita b' Att tal-Parliament (Att Nru. XIX tas-sena 2000) illi ġiet mogħtija l-koordinament ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzar u attivitajiet oħra relatati f'varji livelli korporattivi, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali. Il-funzjonijiet ewlenin tagħha huma illi tiżviluppa, tadotta u tipplika standards marbutin ma' kwalunkwe klassi, kategorija jew tip ta' prodotti u/jew servizzi. L-MSA hija responsabbli illi tinforma lill-pubbliku b'suġġetti ġodda inklużi fil-programm ta' standards tagħha u bil-preparament jew emenda ta' standard jekk kemm-il darba dan l-istandard ma jkun trasposizzjoni identika jew ekwivalenti ta' Standard Ewropej jew internazzjonali.

**Obbligazzjonijiet Legali**

Standard Malti ma jallegax illi jinkludi l-provviżżjonijiet kollha ta' kuntratt. L-utenti ta' l-Istandards Maltin huma responsabbli għall-applikazzjoni korretta tagħhom.

**Reviżjonijiet**

L-istandards Maltin huma aġġornati permezz ta' emenda jew reviżjoni. L-utenti ta' Standards Maltin għandhom jassiguraw illi huma għandhom l-aħħar emendi jew edizzjonijiet.

Kwalunkwe persuna illi ssib xi skorrettezza jew ambigwità waqt li tkun qegħda tuża dan l-Istandard Malta għandha tiġbed l-attenzjoni ta' l-Awtorità Maltija dwar l-Istandards għal din l-iskorrettezza jew ambigwità sabiex il-kwestjoni tkun tista' tiġi investigata minnufih.

**Xiri ta' Standards**

L-ordnijiet għall-Istandards Maltin kollha, kemm dawk internazzjonali kif ukoll dawk nazzjonali, għandhom ikunu indirizzati lill-Awtorità Maltija dwar l-Istandards, id-Direttorat ta' l-Istandards, kif indikat aktar 'l isfel.

Fir-rigward ta' l-ordnijiet għal standards internazzjonali, il-politika ta' l-MSA hija illi tissupplixxi l-Istandards Maltin f' każ fejn dawn ikunu ġew adottati bħala Standards Maltin, jekk kemm-il darba ma jkunx ġie mitlub mod ieħor.

**Servizz ta' Tagħrif**

L-MSA tipprovdi servizzjoni ta' tagħraf varji fuq standards nazzjonali, Ewropej u internazzjonali permezz tal-faċilitajiet tagħha ta' Librerija. Għal aktar informzzjoni, wieħed għandu jikkuntattja lill-Awtorita Maltija dwar l-Istandards, id-Direttorat ta' l-Istandards kif indikat hawn taħt.

**Grupp ta' Utenti ta' l-MSA**

Il-membri abbonati fil-MSA Grupp ta' Utenti jiġu aġġornati bl-iżviluppi fl-istandards u jirċievu skontijiet fuq il-prezz tax-xiri ta' l-istandards Maltin. Għal aktar dettalji fuq dan il-benefiċċju u oħrajn, wieħed għandu jikkuntattja lill-Awtorità Maltija dwar l-Istandards, id-Direttorat ta' l-Istandards kif indikat aktar 'l isfel.



MALTA STANDARDS AUTHORITY